KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 11 ta' Settembru, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Vince Bonello
Mario Calleja
Antoine Vassallo
Jean Carl Agius Ciscaldi

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aymen Grech Pace
Maria Mallia
Maria Baldacchino

**ASSENTI**

Carmen Borg

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**16.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

16.02.01 Fi Pjazza 7 ta' Ġunju il-kameras twaħħlu però s'issa għad m'hemmx link. Jidher li xorta għad hemm xi abbużi għalkemm hemm il-kameras, però malli dan jibda jaħdem se jkun hemm mod aħjar ta' kif se jiġu mmoniterjati l-abbużi.

16.02.02 Ix-xogħol fuq il-proġett tar-Roof Garden miexi, bit-tama li dawn ikunu finalizzati sal-aħħar tas-sena.

16.02.03 Ix-xogħol minn Infrastructure Malta fi Triq San Ġorġ Preca fejn bħalissa beda it-tqattih. Dan ix-xogħol bit-tama li jkun lest fi żmien qasir peress li qed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku ħabba li Triq Joe Gasan qed tkun magħluqa. Ħabba dan il-proġett bħalissa Triq l-Ispartanti qiegħda *oneway* bil-kontra. Kif ix-xogħol jintemm jiġi kollox kif kien.

16.02.04 Fuq tenders, saret l-aġġudikazzjoni għal tal-iskart goff. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet u jidher li dan ittieħed mill-kuntrattur preżenti.

16.02.05 Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li kelli mal-YMCA s'issa ma kien hemm l-ebda risposta.

16.02.06 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li fi Triq is-Santissima Trinità fejn kien hemm ħsarat f'din it-triq dawn issewwew u matul din il-ġimgħa ingħata t-tarmak u b'hekk hija triq lesta.

16.02.07 Fuq it-tender tal-Carpark, bħala dokumentazzjoni hija finalizzata. Se jkun qed isir laqgħa tal-aħħar biex b'hekk ikun jista' jinħareġ. Kif ġie diskuss tiġa, fuq it-tender attwali se ssir estensjoni ta' sitt xhur fuq it-tender attwali sakemm ikun qed isir il-proċess kollu biex jingħata t-tender il-ġdid.

16.02.08 Rigward il-kampanja ta' *marketing* relatata mal-Ħamrun il-ħidma bdiet. Qed isiru xi laqgħat u qed jiġi pjanat il-kontenut. Hekk kif dan jiġi finalizzat jibda xogħol fuq il-filming u l-muntaġġ.

16.02.09 Rigward l-audit, is-sena 2022 ġiet magħluqa u se jibda l-proċess biex tibda tinħadem is-sena 2023. Se tkun qed issir ħidma biex sal-bidu tas-sena nibdew anke dik tal-2024.

16.02.10 Fuq dan is-Sindku nforma li l-membru tal-istaff mill-accountant li kienet tiġi hawn, irriżenjat u dan jista' jwassal għal xi dewmien mhux mixtieq. Però se nkomplu naħdmu biex niġu *up-to-date* fuq dan ix-xogħol.

16.02.11 Kif kien tiġa diskuss se jkun hemm xi studenti mill-iskola ta' Birkirkara li se jibdew jattendu fl-iskola tal-Ħamrun sa kemm jitlestew ix-xogħolijiet f'din l-iskola. Ġie propost li fi Triq Adelaide Ċini, il-parkeġġ se jitmexxa fin-naħa

opposta tat-triq, biex b'hekk ikun hemm immaniġġjar aħjar tat-traffiku u biex ir-residenti u dawk li jkunu pparkjati ma jneħħux il-vetturi tagħhom waqt id-dħul u l-ħruġ tal-iskola.

16.02.12 Is-Sindku talab ukoll bil-miktub li se jkun hemm pulizija biex jimmaniġja t-traffiku. Din l-ittra waslet min naħa tagħhom.

**16.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.03.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward l-attività tal-Ħamrun Spartans. Huwa qal li din se tkun ikla ta' ringrazzjament għall-partitarji Ħamruniżi. Din se ssir is-Sibt fi Triq il-Kbira San Ġużepp u dak li jkun jrid jibbukkja mal-każini tal-Ħamrun. Se jkun hemm divertiment u diversi *big screens*. Bħalissa qed issir ħidma fuq il-loġistika u l-uffiċċjali li se jkun hemm bżonn

16.03.02 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn xi nies fejn dawn pproponew li lis-Sur Joseph Portelli jingħata rikonoxximent tal-ħidma tiegħu. Bħala kunsill jista' jagħti l-unur ta' Ċittadin Onorarju tal-Lokal. Dan ir-rikonoxximent ma ingħata qatt qabel però l-liġi tagħti l-Kunsill il-fakultà li jagħti dan ir-rikonoxximent. Il-Kunsill qabel.

16.03.03 Bħalissa għaddej xi xogħol fi Triq Roger Debattista, Triq Oscar Zammit u Triq il-Franġiskani. Kien hemm diversi issues. Huwa qal li kellu laqgħa, fejn wara li dawn riedu jagħmlu parti waħda biss, huwa insista li ssir it-triq kollha u mhux trinka waħda, biex dawn it-toroq isiru f'daqqa.

16.03.04 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li bħalissa għaddej ix-xogħol fi Triq il-Franġiskani. Jista' jkun hemm xi problema peress li Transport Malta iwaqqfu l-ħidma fit-toroq meta tibda l-iskola, però se jkun qed jipprova jġib estensjoni biex ix-xogħol jitkompla.

16.03.05 Is-Sindku qal li fiż-żmien li ġej se jkun qed joħroġ tender ieħor, dak tal-konvenjenza pubblika biex hekk inkun niġu *up-to-date* fuq it-tenders kollha tal-Kunsill.

16.03.06 Is-Sindku nforma li hemm problema fil-lift tal-carpark. Il-ħsarat kienu kbar u għalhekk huwa ma sewwiex din il-ħsara. Jidher però li fil-lift li kien jaħdem daħal xi ilma fil-lift u jidher li hemm nuqqas ta' konnessjoni mal-internet, fejn dan jista' jwassal li jekk xi ħadd jeħel ma jkunx jista' jagħmel kuntatt biex joħroġ. Il-maintance ta' dan il-lift se jkun qed jieħdu ħsiebu l-kuntrattur!

Rigward il-lift l-ieħor, bħala kunsill obbligati li jsir lift ġdid, però għal fatt li meta jinħareġ it-tender, jiġi aġġudikat u jibda x-xogħol hemm ammont konsiderevoli ta' xhur, bħala kunsill se nitolbu stima tal-ħsara biex isir it-tiswija fih. Il-Kunsill qabel li tinġieb stima tal-ispejjeż tat-tieni lift.

16.03.07 Is-Sindku xtaqt isemmi xi punti pożittivi fuq il-lokal, fejn jidher li qed isiru ċertu investimenti minn xi terzi. Apparti li kien hemm xi applikazzjoni għall-

Boutique Hotels ġodda u kif inxtrat il-binja fejn qabel kien hemm il-bank fejn jidher li se jkun hemm ditta tal-ikel ġdida u kif ukoll il-*mall* inxtara minn operatur ġdid.

16.03.08 Is-Sindku qal li bħala armar tal-Milied se jkun bħas-sena li għaddiet inklużi l-istess toroq. Il-Kunsill qabel ukoll li anke n-naħa tal-Kunċizzjoni se jintrema qabel minn dak tas-sena li għaddiet.

16.03.09 Is-Sindku qal ukoll li se jkun qed jibda x-xogħol fuq Palazzo Blacas li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

16.03.10 Is-Sindku xtaq jinforma lill-kunsilliera rigward l-attività li saret għall-playoff tal-Ħamrun. Din l-attività ġiet imħallsa mill-organizzaturi. Ġara pero li għal fatt li n-nies baqgħu fit-triq jiċċelebraw u kien hemm bżonn li l-forzi tal-ordni jibqgħu preżenti. Biex dawn baqgħu hemm wasal kont ta' €300. Is-Sindku qal li dawn l-ispejjeż ġew biex ikun żgurat li jkun hemm kollox taħt kontroll u sigur. Il-Kunsill qabel li dan jitħallas.

16.03.11 Fuq dan il-punt is-Sindku qal li huwa tajjeb li jkun hemm attivitajiet simili li jiġu organizzata minn żmien għal żmien anke individwi b'mod personali.

16.03.12 Fuq dan, il-Kunsillier Mario Calleja qal jekk hemmx possibilità li jsiru attivitajiet simili għal kull logħba. Fuq dan is-Sindku qal li attivitajiet simili għandhom jiġu organizzati jew mill-klabb innifsu jew individwi oħra però huwa qal li ma għandiex tingħalaq kull darba Triq il-Kbira San Ġużepp.

**16.04 Korrispondenza**

16.04.01 Ġejna avviċinati minn kumpanija li tagħmel il-mapep bi 3D, fejn dawn jridu jagħtu l-informazzjoni fejn wieħed ikun fil-lokal tagħna, punti mportanti u toroq. Din il-mappa tiġi tiswa €2500. Is-Sindku issuġġerixxa li din issir Pjazza San Pawl peress li huwa post fejn jgħaddu ħafna nies.

16.04.02 Fuq dan kien hemm diskussjoni libera fejn ġie deċiż li ssir waħda biss għalissa. Bħala post ġie maqbul li tkun fejn il-Pjazza b'post ċentrali fejn l-aktar nies li jgħaddu.

16.04.03 Il-Kunsilliera ġew infurmati b'diversi inviti li waslu mill-għaqdiet tal-Ħamrun.

16.04.04 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Għaqda tal-Mużika Immakulata Kunċizzjoni rigward l-attività Mixja ma' Kristu fi Triqatna. Huwa qed jissuġġerixxi li għal din l-attività, l-kunsill jagħti ammont ta' fond bħala għajnuna u jieħdu ħsieb kollox huma. Il-Kunsill għal din se jkun qed joffri €1500. Il-Kunsill approva.

**16.05** **Ħamrun Chocolate Festival**

16.05.01 Is-Sindku qal li waslet edizzjoni oħra tal-Festival taċ-Ċikkulata u li għal din is-sena se jkun hemm żewġ ċikkulatiera mill-aqwa, it-tnejn Maltin però wieħed minnhom residenti l-Ingilterra fejn se jieħdu €7K u €8k rispettivament. Bħala fondi inġiebu €20 elf minn fondi pubbliċi permess ta' skema u €10 elef mill-Awtorità tat-Turiżmu. Ħarġu ukoll sejħiet ħabba *sound* u dawl u kif ukoll stages.

16.05.02 Bħala stages se jkun hemm ħamsa, fejn il-Bank, fejn il-Knisja, fejn il-Każin San Gejtanu, fejn il-pjazza u fejn il-*mall*. Dawn il-postijiet se jkollhom temi differenti biex ikun hemm varjazzjoni. Apparti dawn se jkun hemm varjazzjonijiet ta' postijiet fejn wieħed jistgħu jżur u kif ukoll ġew avviċinati l-għaqdiet biex jipparteċipaw, billi jiftħu s-swali tagħhom u kif ukoll jorganizzaw xi wirjiet.

16.05.03 Bħala temi li qed jaħdmu fuqhom iċ-ċikkulatiera huma relatati ma' żewġ films popolari li huma Jurassic Park u Assassin Creed, fejn ma' dawn se jkun hemm il-possibilità li jinġabu xi props li intużaw fil-films stess.

16.05.04 Is-Sindku qal li l-artiġjanat se jkun fi Triq Dun Nerik Cordina Peress, filwaqt li fi Triq il-Ferrovija se jkun hemm il-possibilità li jkun hemm *carshow*.

**16.06** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

16.06.01 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi staqsa fuq Triq Schembri, fejn is-Sindku qal li qed jistennew data biex jitkompla x-xogħol.

16.06.02 Il-Kunsilleri Mario Calleja qal jekk hemmx il-possibilità li ssir *sleeping policeman* u kif ukoll possibilità ta' mera fi Triq Kanonku Bonniċi. Rigward l-*isleeping policemen* irid ikun hemm firma mir-residenti kollha peress li se tkun qed issir f'żona fejn hemm in-nies u jaf li dan jagħmel xi storbju hekk kif jgħaddu l-karozzi.

16.06.03 Huwa semma ukoll jekk hemm il-possibilità li jitneħħa parkeġġ u minflok ikun hemm spazju ta' mutur fi Triq San Gejtanu. Però jidher li mhux daqstant faċli li tnaqqas parkeġġ ieħor.

16.06.04 L-istess kunsillier semma x-xogħol li qed isir fejn l-iskola ta' St Joseph. Is-Sindku qal li għandha tkun lesta meta tibda l iskola.

16.06.05 Huwa semma ukoll li fejn Ġnien Salvinu Spiteri hemm ammont kbir ta' *hornets*, fejn qed ikun diffiċli għan-nies biex imorru hemm. L-unika soluzzjoni hija li jekk tinsab il-bejta jiġu nfurmati n-nies apposta fuq dan.

16.06.06 L-Kunsillier Calleja qal jekk hemmx il-possibilità li fi Ġnien Oreste Chircop jitqawwa xi ftit id-dawl. Is-Sindku qal li dan il-ġnien tnaddaf u għandhom jaslu

l-fanali l-ġodda li jaħdmu bix-xemx. L-istess fanali se jkunu ukoll fi Triq Ġużè Maria Galea.

**16.07 Dekasteri**

16.07.01 Is-Sindku reġa' fakkar fuq il-ħidma tad-dekasteri rispettivi fejn fakkar ukoll li jekk hemm min jista' u jixtieq jinvolvihom fil-festival, huwa mportanti li jagħmel dan.

16.07.02 Fuq dan is-Sindku qal li, hekk kif issa għaddiet sena, jixtieq aktar li jkun hemm aktar ħidma fuq u mid-dekasteri. Huwa mportanti li jkun hemm aktar ħidma u ideat mill-membri kollha.

**16.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

16.08.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 07.2025 ġiet approvata minn Mario Calleja u issekondata minn Dr Antoine Vassallo .

**16.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 8 ta' Ottubru, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv